# il-Werrej

ID-DAĦLA **pġ. 5**

1. L-INTRODUZZJONI **pġ. 7**

IL-KITBIET IT-TWAL **pġ. 12**

2. Il-Kitba Narrattiva 13
3. Il-Kitba Deskrittiva 39
4. Il-Kitba Argumentattiva 70
5. Il-Kitba Espożitorja 92

IL-KITBIET IL-QOSRA **pġ. 124**

6. L-Ittra 126
7. Ir-Rapport 48

IL-MALTI KOMUNIKATTIV **pġ. 160**

8. Ir-Riċensjoni 162
9. Il-Bijografija u l-Awtobijografija 177
10. Id-Djarju 190
11. L-Istruzzjonijiet 199
12. Id-Djalogu 210
13. Ir-Reklam u l-Avviż 221
14. L-Invit 232
15. It-Tabelli 238
16. Il-Kepxin 241

17. IL-KONKLUŻJONI **pġ. 249**

id DAĦLA

Dan il-ktieb issawwar bi ħsieb wieħed; **dak li jkun il-gwida ewlenija għal dawk li jridu jitrawmu iżjed fil-ħila tal-kitba.** B'eżempji u kampjuni spjegati għal kull ġeneru, l-istudent issa jista' jesperjenza l-proċess sħiħ tal-kitba bil-pass tiegħu.

It-tqassim ta' dan il-ktieb jiffaċilita ħidma prattika fil-klassi kif ukoll għad-dar, minħabba li **jippermetti lill-għalliema u lill-ġenituri jiggwidaw lill-istudenti pass pass lejn kitba sħiħa.** Il-ġenituri u l-għalliema jistgħu jsegwu l-istruzzjonijiet faċilment b'kampjuni u ċekkjaturi li jagħtu indikazzjoni ċara ta' dak li jrid jintlaħaq f'kitba ideali.

Dan il-ktieb jipprovdi wkoll **eżempji ċari ta' dak li għandu jitqies bħala prattika tajba u dak li, min-naħa l-oħra, għandu jiġi evitat.** Hekk l-istudent ikun jaf liema kwalità ta' kitba hija mistennija minnu. B'dan il-mod l-istudenti jkunu jistgħu jaħdmu biċċiet partikolari minn kitba, jew saħansitra kitba sħiħa, waħedhom.

Ma' kull eżerċizzju hemm abbinat **spidometru li jidentifika l-livell tal-istess eżerċizzju** u b'hekk jagħmilha iżjed faċli għal studenti b'ħiliet u etajiet differenti.



B'firxa wiesgħa ta' ġeneri, illustrazzjonijiet u eżerċizzji li jappellaw għal sensi u interessi differenti, **dan il-ktieb huwa ideali kemm għal skopijiet edukattivi kif ukoll għall-użu personali.** Għalhekk l-għalliema u l-ġenituri issa jgawdu mill-faċilità li jippjanaw fit-tul b'għodda li kontinwament issostni l-gwida tagħhom. Għaldaqstant, dan il-ktieb mistenni **jiffaċilita t-tagħlim tal-ħila tal-kitba,** ħila li spiss għadha tiġi ppreżentata bħala dik li l-istudent mistenni jkun jaf mingħajr wisq prattika.

L-eżerċizzji f'dan il-ktieb, joffru l-possibbiltà li **student jipprattika fuq taqsimiet differenti ta' kitba,** ngħidu aħna l-introduzzjoni u l-konklużjoni, bil-għan li l-prattika ssir fuq il-ġeneru u mhux fuq xi titlu partikolari. Il-pariri prattiċi li jakkumpanjaw kull ġeneru, u n-natura tal-eżerċizzji nfushom, joffru lill-għalliema l-għażla li jilħqu l-abbiltà ta' kull student billi jassenjaw gradi differenti tal-istess eżerċizzju lil studenti differenti. **Kull eżerċizzju fil-fatt jippermetti flessibbiltà bl-għan li jitħaddem skont il-bżonn ta' kull student.**

# INTRO DUZZ JONI

# X'inhi l-introduzzjoni?

L-introduzzjoni tirreferi għall-bidu nett ta' kitba twila, u hija l-iktar parti li tinqara b'reqqa għaliex proprju tinqara l-ewwel.

Għalhekk din tista' titqies bħala parti importanti fil-kitba. Mill-introduzzjoni stess il-qarrej jieħu idea dwar kif se tiżviluppa l-kitba u jekk il-kitba hix se togħġbu jew le.

***Il-ġeneri huma:***




***Suġġerimenti għal introduzzjoni tajba***

1. Agħti kas tal-ġeneru.

a. **In-narrattiva**
Ibda rrakkonta mill-ewwel.

b. **Id-deskrittiva**
Terġax tenfasizza x'se tiddeskrivi, ibda ddeskrivi mill-ewwel dak mitlub mit-titlu.

ċ. **L-argumentattiva**
Fl-introduzzjoni tispeċifikax l-opinjoni tiegħek dwar is-suġġett.

d. **L-espożitorja**
Kun mill-ewwel professjonali u kemm jista' jkun tekniku, u orbot mat-titlu mingħajr ma tesprimi l-opinjoni tiegħek.

e. **L-ittra, ir-rapport u d-djarju**
Sentenza waħda biżżejjed sabiex isservi ta' introduzzjoni.

f. **Il-bijografija u l-awtobijografija**
Agħti d-dettalji ġenerali, bħad-data tat-twelid, residenza u professjoni.

ġ. **L-istruzzjonijiet**
Mhux applikabbli.

g. **Id-djalogu**
Mhux applikabbli.

għ. **Ir-reklam**
Mhux applikabbli.

h. **L-avviż**
Mhux applikabbli.

ħ. **L-invit**
Mhux applikabbli.

i. **It-tabelli**
Mhux applikabbli.

ie. **Il-kepxin**
Mhux applikabbli.

2. Orbot l-introduzzjoni mill-ewwel mat-titlu. Għalhekk aqra sew it-titlu sabiex ikollok introduzzjoni rilevanti.

3. Ikkunsidra l-possibbiltà li tiftaħ bi kwotazzjoni.

4. Iftaħ il-kitba b'sentenza li tqanqal lill-qarrej u tagħmel il-kitba tiegħek oriġinali.

5. Kun af min hi l-udjenza li se taqra l-kitba minħabba li għandek iżżommha interessata mill-ewwel.

| Il-ġeneru | Inkludi | Aħrab |
|---|---|---|
| **In-narrattiva** | **Ħsejjes** maħluqin bil-kliem, bħal: Trinn-Trinn Trinn-Trinn **Sentenzi qosra**, maqtugħin bil-punteġġjatura. | "Darba waħda kien hemm ..." **jekk il-kitba mhijiex ħrafa.** |
| **Id-deskrittiva** | **Kurżità mhix ovvja** fuq dak li qed tiddeskrivi, jew dak li jgħid ħaddieħor dwaru/dwarha: "Mur obsor li l-iljunfanti fl-Afrika jgħixu sa madwar 65 sena!" | Sentenza li **tirrepeti** dak li se tiddeskrivi: "Jien se niddeskrivi l-iljunfanti li kelli x-xorti nara waqt btala fl-Afrika." |
| **L-argumentattiva** | **Il-varjetà wiesgħa** tal-opinjonijiet li hemm dwar is-suġġett: "Diversi studjużi jisħqu li l-istudenti li ma jaqrawx mhumiex kapaċi jagħdru lill-oħrajn, isibuha diffiċli sabiex jesprimu ruħhom u jsibuhom fi żvantaġġ meta jiġu sabiex japplikaw għax-xogħol." | **L-opinjoni personali** tiegħek: "Nemmen li l-qari huwa ċ-ċavetta għas-suċċess ta' kull student." |
| **L-espożitorja** | **Fatt marbut mat-titlu** li jqanqal kurżità u li mhux daqstant magħruf: "Pastizz tal-piżelli fih madwar 400 kalorija u dan jammonta għal 27% tal-ammont ta' kaloriji li mara tista' tikkonsma kuljum." | **Stqarrijiet assoluti:** "Kulħadd jaf li ħadd ma jista' joqgħod mingħajr ikel, u li dejjem se jispiċċa jikkonsma esaġerazzjoni ta' ikel li jħaxxen." |

dawwar il-paġna għal aktar